## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 209/2020: FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI NUMRU 1115/2019 FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA) IPPREŻENTATA AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 166A TAL-KAP. 12 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA FL-ISMIJIET:- **MARIA CONCETTA FARRUGIA V. PATRICK CUMBO**

(IL-KRITERJI TASSATTIVI LI GĦANDHOM JIĠU SODISFATTI SABIEX TINĦAREĠ ITTRA UFFIĊJALI TAĦT L-ART. 166A TAL-KAP. 12 - REVOKA TA' TITOLU EŻEKUTTIV OTTJENUT PERMEZZ TA' ITTRA UFFIĊJALI MAĦRUĠA TAĦT L-ART. 166A TAL-KAP. 12 – KAP. 12 ART. 166A(5) – IN-NOTIFIKA KIF IMISS – IR-REGOLI DWAR IN-NOTIFIKA TA' ATTI ĠUDIZZJARJI BIL-POSTA – L.S. 12.12)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13 ta' Marzu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Patrick Cumbo ("ir-rikorrent") ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2020[1] li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. 'Illi l-esponenti gie notifikat b'mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1299/20 nhar il-hmistax (15) ta' Ottubru 2020, liema emanixxa min ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A datata erbatax (14) ta' Mejju 2020;

2. Illi mid-dokumenti annessi ('A') mal-mandat ta' sekwestru, hemm ukoll l-ircevuta tal-kumpanija postali li intuzat sabiex titwassal l-ittra ufficjali 166A;

3. Illi jidher bl-aktar mod car li i-ittra giet mibghuta fl-indirizz "Creatrix Malta", 5 Church Alley, Zabbar u iffirma xi hadd bil-karta tal-identita numru 185943A;

[1] Fol 1-12

4. Illi minn dan jemanixxi li hemm difett fin-notifika tal-istess ittra stante li l-ittra fl-ebda moment ma kienet a konjizzjoni tal-esponent;

   Ghaldaqstant in vista ta' dak suindikat l-esponenti qieghed jitlob lil din l-0norabbli Qorti sabiex tiddikjara ai termini tal-artikolu 166A(5) li t-titolu ezekuttiv huwa rexiss u ddikjarat null u bla effett.'

wara li rat ir-risposta ta' Maria Concetta Farrugia ("l-intimata") ippreżentata fid-19 ta' Novembru 2020[2] li permezz tagħha wieġbet kif ġej:

> '1. Illi fl-ewwel lok, l-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166 (A) m'hix datata erbatax (14) ta' Mejju 2020, hekk kif indika l-konvenut Cumbo, imma kienet datata erbatax (14) ta' Mejju 2019;
>
> 2. Illi fit-tieni lok, gnalkemm jidher li tali riferta giet iffirmata minn xi hadd bil-karta tal-identita' bin-numru 185943A, wiehed irid jaghmel accenn ghall-fatt li f'Malta kollha, persuna wahda biss jisimha 'Patrick Cumbo', kif ukoll li fl-indirizz indikat kien hemm referenza ghall-isem tan-negozju 'Creatrix Malta';
>
> 3. Illi ghalhekk in-notifika certament li giet accettata minn persuna qrib il-konvenut, liema persuna tista' taccetta tali notifika skont il-ligi'

wara li semgħet ix-xhieda u rat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat l-bqija tal-atti proċesswali,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Dustin Camilleri,
- tal-intimata, mill-Avukat Dr. Gabriel Farrugia,

qed tagħti dan id-

## Digriet

### L-att promotur, l-att risponsiv u fejn saret in-notifika

1. Ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tirrexxindi t-titolu eżekuttiv ottjenut permezz tal-ittra uffiċjali in kwistjoni[3] għar-raġuni illi kien hemm difett fin-notifika tal-istess ittra liema difett huwa gravi biżżejjed sabiex jwassal għan-nullita' tal-titolu eżekuttiv.

2. L-intimata min-naħa tagħha tagħha tgħid illi n-notifika hija waħda valida għaliex Patrick Cumbo wieħed biss jeżisti f'Malta, l-indirizz indikat jagħmel riferenza għall-

[2] Fol 16
[3] Kopja esebita a fol 35-36 tal-proċess

isem tan-negozju "Creatrix Malta" u għaliex in-notifika ċertament ġiet aċċettata minn persuna qrib ir-rikorrent kif trid il-liġi.

3. Mill-provi esebiti fl-atti jidher illi l-ittra uffiċjali *de quo* kienet indirizzata lir-rikorrent fl-indirizz **"Creatrix Malta", 5, Church Alley, Żabbar"**[4] u li n-notifika tal-ittra saret f'dak l-indirizz fit-18 ta' Mejju 2019 fejn ir-riċevitur kien xi ħadd bil-karta tal-identita' numru 185943A.

**Provi**

4. Fis-16 ta' Novembru 2020 xehed ir-rikorrent Patrick Cumbo [5]li spjega illi huwa sar jaf bl-ittra uffiċjali in kwistjoni meta rċievha sekwestru mill-Qorti. Huwa jaf illi kien għamel xogħol ta' fotografija għat-tieġ tat-tifla tal-intimata, ċertu Daniela Farrugia li kienet ħallsitu biss id-*deposit* u li mbagħad ma tatu xejn iżjed wara illi ż-żwieġ tagħha kien sfaxxa u ma ridietx ix-xogħol tiegħu. Huwa qal illi huwa jgħix fil-fond numru 20, Fleur, Triq Santu Wistin, iż-Żejtun u illi dejjem kien joqgħod hemm. In sostenn huwa esebixxa dikjarazzjoni datata 9 ta' Novembru 2020 iffirmata minn rappreżentanta tac-*Chief Electroral Commissioner*[6] illi ddikjarat illi:

> "... Mr Patrick Cumbo, born on 14 November 1970 at Attard and holder of Maltese Identity Card number 21871M is and has been registered as a voter residing at 20, Fleur, Triq Santu Wistin, Zejtun since 26 September 1991"

5. Esebixxa ukoll kopja ta' ftehim ta' kiri datat l-1 ta' Settembru 2018[7] li juri li hu kien ser jikri l-fond **5, Church Alley, Zabbar** għall-perjodu ta' sena u ċioe mill-1 ta' Settembru 2018 sal-31 ta' Awwissu 2019 lil ċertu Aleksandra Radeska Kapsimalova (KI.185943A) u Darko Radeski Kapsimalov (KI. 176969A). Finalment esebixxa żewġ kontijiet tad-dawl, wieħed datat 28 ta' Diċembru 2017 u l-ieħor 28 ta' Frar 2019 li juru kemm l-indirizz ta' fejn qiegħed l-arloġġ tal-*meter* u ċioe 5, Sqaq il-Knisja, Zabbar u kif ukoll l-indirizz tar-rikorrent u ċioe 20, Fleur, Triq Santu Wistin, Żejtun[8].

6. In kontroeżami fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2022 l-istess Patrick Cumbo xehed illi l-isem "Creatrix Malta" kien *tradename* ta' aġenzija tal-*modelling* li kienet tal-*ex-partner* tiegħu, ċertu Fiona Vella u li ntużat l-aħħar xi ħmistax/għoxrin il-sena ilu. Huwa ma eskludiex illi din l-aġenzija kienet topera mill-post ta' Ħaż-Żabbar. Qal ukoll illi fiż-żmien meta sar jaf lil bint l-intimata hu kien jgħix f'dak il-post ta' Ħaż-Żabbar u kien sar jafha għaliex ħabibtha kienet bagħtiha għandu biex joħdilha żewġ

[4] Fol 8
[5] Fol 18-20
[6] Fol 21
[7] Fol 22-24
[8] Fol 25-28

ritratti. Mistoqsi kienx jiftakar meta għex l-aħħar fil-post ta' Ħaż-Żabbar huwa qal illi dan kien xi ħmistax-il sena ilu imma possibilment anke aktar.

7. Fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2020 xehed Darko Radeski Kapsimalov[9] li spjega li r-rikorrent kien kollega tax-xogħol tiegħu. Huwa kien inizjalment jgħix ġewwa appartament imma imbagħad mar jgħix fid-dar tar-rikorrent ġewwa Ħaż-Żabbar. Huwa kkonferma l-kuntratt tal-kirja esebit fl-atti u qal illi jgħixu ġol-proprjeta' hu u martu Alexandra. Huwa ma setax jikkonferma illi martu kienet irċeviet l-ittra uffiċjali imma qal b'ċertezza li hu żgur ma rċieva xejn għax kieku kien jgħaddiha lir-rikorrent immedjatament. Huwa għaraf il-firma ta' martu fuq ir-riferta u ċioe bħala l-persuna li rċeviet l-ittra uffiċjali[10].

8. Fis-17 ta' Mejju 2021 xehed in rappreżentanza ta' Identity Malta Philip Azzopardi[11] li esebixxa numru ta' applikazzjonijiet ta' Aleksandra Radeska Kapsimalov li kienet issottometiet ma' Identity Malta għal skop ta' residenza flimkien mal-ftehimiet ta' kirja annessi ma' kull applikazzjoni. [12] Dawn kollha juru li n-numru tad-dokument ta' residenza tagħha huwa 185943A filwaqt li hija kienet tgħix fil-proprjeta mikrija mingħand ir-rikorrent u ċioe 5, Church Alley, Zabbar.

**Il-liġi**

9. Skond l-Art. 166A(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> « **Titolu eżekuttiv li jinkiseb skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għoxrin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta:**
>
> **(i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew**
>
> (ii) **li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) ...** »

---

[9] Fol 31-34
[10] Fol 35 wara
[11] Fol 45-48
[12] Fol 56-76

10. L-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Artikolu 166A hija att ġudizzjarju *sui generis* li għandha konsegwenzi drastiċi u m'hijiex sempliċiment interpellazzjoni għall-ħlas għaliex fin-nuqqas ta' opposizzjoni entro t-terminu statutorju ta' tletin ġurnata min-notifika l-ittra nnifisha tista' tiġi reża bħala titolu eżekuttiv. Huwa għalhekk illi l-leġislatur ħaseb għal numru ta' kriterji tassattivi li għandhom jiġu sodisfatti mill-kreditur fil-ħruġ ta' din l-ittra u dan taħt piena ta' nullita' jekk xi waħda minn dawn il-kriterji ma' jiġux osservati skrupolożament. Dawn il-kriterji huma:

- **Kriterji Sostantivi:**

    1. **Il-kreditu:** L-interpellanza trid tkun għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u dovut li ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000). B'eċċezzjoni għal din il-kriterju, il-kreditur li jkollu dejn li ma' jkunx għadu likwidat jista' ukoll jintavola l-pretensjoni tiegħu permezz ta' din l-ittra uffiċjali diment illi jillimita l-pretensjoni għal ammont li ma' jeċċedix €25,000 u jirrinunzja b'mod espress għal kull dejn li jeċċedi din is-somma.[13]

    2. **Id-debitur**: Id-debitur jrid ikun preżenti f'Malta u ma' jistax ikun minuri jew persuna mhux kapaċi skond il-liġi. Id-dejn ma' jistax ikun dovut minn ereditá ġjaċenti.[14]

    3. **Kontenut tal-ittra:** Fl-ittra għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.[15]

- **Kriterji Proċedurali:**

    1. **Il-forma tal-ittra uffiċjali:** L-ittra uffiċjali għandha tkun skond il-forma stabbilita mill-Avviż Legali 278 tal-2005 (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.22) u ċioe fl-ittra innifisha għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti, l-avviż segwenti: "Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma tweġibx fi żmien tletin (30) jum, din issir titolu eżekuttiv.

---

[13] Kap. 12, Art. 166A(1)
[14] Kap. 12, Art. 166A(1)
[15] Kap. 12, Art. 166A(2)

Għalhekk huwa fl-interess tiegħek li tkellem avukat jew prokuratur legali."[16]

2. **Konferma bil-ġurament:** L-ittra uffiċjali għandha tkun kkonfermata bil-ġurament mill-kreditur[17].

3. **Notifika tal-ittra:** L-ittra uffiċjali għandha tiġi notifikata kif imiss lid-debitur[18].

4. **Intimazzjoni lid-debitur:** Fl-ittra għandu ikun hemm intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin (30) jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv.[19]

5. **L-intimazzjoni ma' trid tkun waħda diġa opposta taħt l-Art. 166A**: meta d-debitur ikun oppona t-talba kif imiss, il-proċedura speċjali li tinsab f'dan l-artikolu ma tistax terġa' tintuża kontra d-debitur għar-rigward tal-istess talba li jkun hemm fl-ittra uffiċjali notifikata lilu.[20]

6. **Notifika lill-kumpanija tal-assigurazzjoni**: meta t-talba toriġina taħt l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104), dik l-ittra uffiċjali għandha taħt piena ta' nullità tiġi wkoll notifikata lill-assigurazzjoni awtorizzata li għandu jkollha l-istess drittijiet taħt dan l-artikolu daqslikieku kienet id-debitur fuq imsemmi.

11. Ir-rikorrent qed jinvoka l-ewwel subinċiż tal-Art. 166A(5) fis-sens illi qed jgħid illi huwa ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex ma kienx ġie notifikat kif imiss.

**Kunsiderazzjonijiet**

---

[16] Kap. 12, Art. 166A(2)
[17] Kap. 12, Art. 166A(2)
[18] Kap. 12, Art. 166A(5)(i)
[19] Kap. 12, Art. 166A(3)
[20] Kap.12, Art. 166A(3)(d)

***In-notifika kif imiss***

12. Fir-rigward kif għandha ssir in-notifika l-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi din tista' ssir:

- Bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura **<u>direttament</u>** lill-persuna li għandha tirċevieha u dan **<u>irrispettivament minn fejn tinstab</u>** din il-persuna, jew

- Billi l-kopja titħalla **<u>ma' persuna oħra</u>** fl-indirizz postali, fil-post fejn toqgħod, jew fejn taħdem il-persuna li għandha tirċevieha. Din il-persuna oħra għandha tkun

  (i) membru tal-familja jew tad-dar tal-persuna li għandha tirċievi l-ittra, jew
  (ii) fis-servizz tal-persuna li għandha tirċievi l-ittra, jew
  (iii) il-prokuratur tagħha, jew
  (iv) awtorizzata mill-persuna li għandha tirċievi l-ittra sabiex tirċievi l-posta tagħha.

  Il-kopja ma' tistax titħalla f'idejn persuni ta' inqas minn 14-il sena jew f'idejn persuni li jkollhom diżordni mentali jew kundizzjoni li tagħmilhom inkapaċi li jixhdu fuq in-notifika in kwistjoni.

13. L-Artikolu 187(8) tal-Kap. 12 jipprovdi imbagħad li n-notifiki **"jistgħu ukoll isiru minn uffiċjali tal-Posta b'dak il-mod u skont dawk ir-regoli li jkunu konformi mar-regolamenti postali skont kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jordna b'avviż fil- Gazzetta"**.

14. Fir-Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12) jingħad fost affarijiet oħra illi:

- In-notifika ta' atti ġudizzjarji għandha, kemm-il darba xi qorti ma tordnax xort'oħra, issir bil-posta reġistrata, u għandha ssir applikazzjoni għal avviż ta' konsenja meta tiġi mpustata[21]

- Meta n-notifika tkun ser issir bil-posta, l-uffiċjali eżekuturi tal- qrati għandhom:

[21] Art. 3(1) tar-Regoli Dwar In-Notifika Ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12)

- iħejju d-dokumenti postali meħtieġa għal dik in-notifika, u jippreżentaw l-envelopp relattiv bl-iskrittura magħluqa ġewwa fih fl-uffiċċju tal-posta;

- jinnotaw f'reġistru miżmum għal hekk, il-partikolaritajiet fl-att ġudizzjarju msemmi fl-artikolu 174 tal-Kodiċi, id-data tal-preżentata fir-reġistru u n-numru ta' l-uffiċċju tal-kaxxier tar-reġistru immarkat fuq l-att ġudizzjarju, in-numru mogħti mill-awtoritajiet tal-posta lill-envelopp li fih ikun ġie magħluq l-att ġudizzjarju biex jiġi impustat, u, jekk in-notifika tkun saret, id-data ta' dik in-notifika u d-data meta jiġi lura l-avviż tal-konsenja;

- jagħmlu ċertifikat fejn jingħad jekk in-notifika saritx jew le u li fih għandhom jidħlu wkoll il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 188 tal-Kodiċi;

- jgħarrfu lill-parti li tippreżenta l-iskrittura, jew lill-avukat jew prokuratur legali tagħha, jekk in-notifika tkunx saret jew le, u jekk tkun saret, meta.[22]

15. Matul iż-żminijiet żviluppat prassi fejn malli l-kumpanija Maltapost p.l.c. tirċievi att ġudizzjarju mill-Qorti sabiex jiġi notifikat bil-posta, tiġi mimlija karta uffiċjalment bl-isem ta' "*Avviz ta' Kunsinna ta' Ittra Reġistrata*" mibgħuta mir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali) magħrufa ukoll bħala l-*pink card,* li tkun imwaħħla mal-envelop innifsu u li fiha apparti d-dettalji u l-indirizz tal-persuna li għandha tirċevieha jkollha ukoll post fejn tista' tiġi ffirmata mid-destinatarju u mill-uffiċjal tal-posta li jmur biha kif ukoll indikazzjoni ta' jekk l-att ikunx ġie imqassam jew le. Din il-*pink card* imbagħad tintbagħat lir-Reġistratur meta l-uffiċjal eżekutur jkun jista' jħejji r-riferta relattiva skond l-informazzjoni li jsib fuq din il-*pink card.*

16. Issa f'dan il-każ l-ittra uffiċjali in kwistjoni ġiet indirizzata lir-rikorrent fl-indirizz: **Creatrix Malta, 5, Church Alley, Zabbar**. Meta fit-18 ta' Mejju 2019 mar il-pustier l-ittra nġabret minn persuna bil-karta tal-identita' numru 185943A, li fil-kawża rriżulta illi hija Aleksandra Radeska Kapsimalov. Il-firma tagħha fuq ir-riferta ġiet rikonoxxuta minn żewġha waqt ix-xhieda tiegħu. Din hija l-inkwilina li flimkien ma' żewġha jikru l-istess fond mir-rikorrent u li ilhom jgħixu fih għal numru ta' snin. Iżda b'dan il-mod jista' jingħad li n-notifika saret "kif imiss" ?

---

[22] Art 5 *ibid*

17. Darba n-notifika ma' saritx bil-kunsinna tal-iskrittura direttament lir-rikorrent, ai termini tal-Art. 187(1) l-ittra setgħet titħalla mal-persuna msemmija (ossia' ma' Aleksandra Radeska Kapsimalov) biss f'wieħed minn tlett postijiet:

- Fl-indirizz postali tar-rikorrent, jew
- Fil-post fejn joqgħod ir-rikorrent, jew
- Fil-post fejn jaħdem ir-rikorrent.

18. Inoltre r-riċevitur kellu jkun xi ħadd li jew ikun membru tal-familja tar-rikorrent, jew fis-servizz tiegħu, jew prokuratur tiegħu jew inkella awtorizzat mir-rikorrent sabiex jirċievi l-posta tiegħu. F'dan ir-rigward ma tressqet l-ebda prova f'din il-kawża illi Aleksandra Radeska Kapsimalov kienet awtorizzata mir-rikorrent sabiex tirċievi l-posta tiegħu.

19. Il-liġi ma' tagħtix definizzjoni ta' indirizz postali u tal-"post" fejn wieħed joqgħod. Prova importanti, għalkemm ribattibbli, ta' fejn tkun tirrisjedi persuna huwa r-Reġistru Elettorali. Fost id-dettalji li jiġu reġistrati fir-Reġistru Elettorali huma: "**isem it-triq fejn ikunu reġistrati**" l-eletturi u "**l-post fejn ikun soltu joqgħod**" (it-test bl-Ingliż jaqra "**ordinary place of residence**")[23]. Kif inhuwa komunament magħruf ir-Reġistru Elettorali jiġi ppubblikat darbtejn fis-sena: f'April u f'Ottubru. L-aħħar edizzjoni tar-Reġistru qabel ma' "ġie notifikat" r-rikorrent kienet għalhekk dik li ħarġet f'April 2019. Għalkemm ma' ġietx esebita kopja ta' estratt mir-Reġistru ta' April 2019, ir-rikorrent ipproduċa dikjarazzjoni ta' rappreżentat tac-*Chief Electoral Commissioner* datata 9 ta' Novembru 2020 li turi illi hu kien reġistrat bħala votant fil-fond **<u>20, Fleur, Triq Santu Wistin, Żejtun</u>** mis-26 ta' Settembru 1991.[24]

20. Prova oħra importanti (għalkemm ribattibbli) ta' fejn tirrisjedi persuna hija l-indirizz fejn tirċievi l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma. F'dan il-każ il-kontijiet esebiti mir-rikorrent a fol 25-28 (inċidentalment għall-kont tal-*meter* li jinsab fil-fond 5, Sqaq il-Knisja, Ħaż-Żabbar) juru li dawn jintbagħtu lilu fl-indirizz 20, Fleur, Triq Santu, Wistin, Żejtun.

21. Il-ftehimiet ta' kirja esebiti ukoll juru illi fil-fond in kwistjoni kienu qed jirrisjedu l-inkwilini tar-rikorrent u mhux ir-rikorrent innifsu.

---

[23] Art. 31(2) tal-Kap. 354
[24] Fol 21

22. Ir-rikorrent fix-xhieda tiegħu insista illi huwa minn dejjem kien jgħix fiż-Żejtun għalkemm imbagħad in kontroeżami stqarr ukoll illi xi ħmistax-il sena ilu kien jgħix fil-post ta' Ħaż-Żabbar mal-*ex-partner* tiegħu u kien proprju f'dak il-perjodu li kien sar jaf lit-tifla tal-intimata. Kif inhuwa magħruf, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tqisx kredibbli t-testimonjanza ta' xhud. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. F'dan il-każ, nonostante dak li mad-daqqa t'għajn jidher li kienet kontradizzjoni min-naħa tar-rikorrent fix-xhieda tiegħu, il-Qorti tara li hemm provi suffiċjenti u sodi biżżejjed sabiex tqis illi huwa iżjed probabbli (u fil-verita' ferm iżjed probabbli) illi r-rikorrent ma' kienx jgħix jew jaħdem fil-post fejn tqassmet l-ittra uffiċjali.

23. Fuq kollox u iżjed importanti minn hekk, ma' tressqet l-ebda prova kuntrarja għall-asserzjoni tar-rikorrent li hu qatt ma' kien irċieva l-ittra uffiċjali in kwistjoni.

24. Huwa ċar ukoll illi l-intimata kienet taf bl-indirizz postali u ta' fejn joqgħod ir-rikorrent tant illi fil-mandat ta' sekwestru eżekuttiv li nħareġ abbażi tat-titolu eżekuttiv ottjenut permezz tal-ittra uffiċjali *de quo* in-notifika lir-rikorrent saret proprju fl-indirizz 20, Fleur, Triq Santu Wistin, iż-Żejtun u mhux fl-indirizz 5, Sqaq il-Knisja, Ħaż-Żabbar.[25]

25. Kwantu għall-asserzjonijiet tal-intimata illi Patrick Cumbo wieħed biss jeżisti f'Malta u li "l-indirizz indikat jagħmel riferenza għall-isem tan-negozju "Creatrix Malta" il-Qorti ma tarax kif dawn b'xi mod jistgħu jsaħħu l-argument tagħha illi n-notifika saret kif suppost. Lanqas m'huwa il-każ illi n-notifika *"ġiet aċċettata minn persuna qrib ir-rikorrent kif trid il-liġi"* fis-sens illi kif ġa intwera ma ġewx sodisfatti r-rekwiżiti taħt l-Art. 187(1) tal-Kap. 12.

26. Għalhekk jirriżulta lill-Qorti illi l-ittra uffiċjali in kwistjoni ma' ġiet notifikata kif imiss lir-rikorrent.

27. Il-proċedura tal-ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 ghandha konsegwenzi legali gravi fuq il-persuna li tirċieviha li ma tikkuntestahix fiż-żmien prefiss. U għax għandha konsegwenzi daqstant gravi, il-ligi timponi restrizzjonijiet sinjifikanti u riġidi, jekk mhux ukoll ħarxa, maħsuba sabiex jagħtu protezzjoni

---

[25] Fol 5

assoluta lil dawk li jirċievu ittra ta' dik in-natura. La n-notifika ma' saritx strettament kif trid il-liġi, l-intimata għandha ġġorr ir-responsabilta' t'għemilha.

28. Għal kull bwon fini fl-aħħarnett il-Qorti tara illi fl-ewwel eċċezzjoni tagħha l-intimata għandha raġun, fis-sens illi l-ittra uffiċjali in kwistjoni inħarġet fl-14 ta' Mejju 2019 u mhux fl-14 ta' Mejju 2020 kif ġie erronjament indikat fl-ewwel premessa tar-rikors. Naturalment dan il-*lapsus* min-naħa tar-rikorrent huwa wieħed minuri (iktar u iktar meta n-numru uffiċjali tal-ittra ġie ċitat kif suppost) u bl-ebda mod ma jaffettwa t-talba tal-istess rikorrent.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrent, tiddikjara null u bla effett u tirrevoka t-titolu eżekuttiv ottjenut permezz tal-ittra ġudizzjarja bin-numru 1115/2019 fl-ismijiet premessi maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Bl-ispejjeż kontra l-intimata.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur